PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Programm Elettorali

# Mobbiltà, Infrastruttura u Ppjanar

Nifs ġdid biex tieħu ħinek lura

Nifs Ġdid

## Nifs Ġdid. Dan hu l-mument, tiegħek.

Din il-kampanja elettorali hija mibnija fuq wegħda ċara: b'dak li qed nipproponu rridu li nagħtu nifs ġdid lil Malta u Għawdex. Nifs ġdid lilek.

Fix-xhur li għaddew iltqajt ma' ħafna minnkom fid-djar, fil-pjazez u fuq il-postijiet tax-xogħol. Smajt it-tamiet, u l-aspirazzjonijiet tagħkom. Fuq kollox, fhimt kemm tħobbu lil pajjiżna. Bħalkom, jien kburi li jien Malti, u nemmen li flimkien nistgħu nibnu Malta u Għawdex li jistħoqqlok, li jistħoqqilhom uliedna.

Fil-programm elettorali qed nispjegaw kif nifs ġdid ifisser pajjiż li jerġa' jaħdem għan-nies: fejn inti jkollok aktar serħan il-moħħ, politika li tagħti futur liż-żgħażagħ f'pajjiżna, l-anzjani jgħixu bid-dinjità, u l-ħaddiema jkollhom paga aħjar. Nifs ġdid ifisser ukoll ekonomija ġusta fejn is-sidien tan-negozji jsibu gvern li jgħinhom u mhux li jfixkilhom, kura tas-saħħa fil-pront, edukazzjoni li tħejji għad-dinja ta' għada, sistema tat-trasport effiċjenti biex int ma tinqabadx fit-traffiku, kontijiet orħos u ambjent nadif li jagħtik nifs tajjeb għal saħħtek. Nifs ġdid ifisser ukoll Għawdex bħala reġjun b'potenzjal enormi li joffri futur lill-Għawdxin u jibqa' ġawhra għall-Maltin

Dan il-kapitlu, flimkien mal-bqija tal-programm elettorali, jippreżenta pjan ċar u realistiku biex inwettqu din il-viżjoni. Proposti konkreti biex intejbu l-ħajja tiegħek u nagħtu direzzjoni aġġornata lill-pajjiż.

Dan huwa l-impenn tagħna miegħek.
Flimkien nistgħu nagħtu lil Malta nifs ġdid.

**Alex Borg**
Kap tal-Partit Nazzjonalista



# Nifs ġdid biex tieħu ħinek lura

## Mobbiltà, Infrastruttura u Ppjanar

Il-mument li toħroġ fit-triq taf li se tiffaċċja traffiku, kongestjoni għal ħin twil, dħaħen u ħela ta' ħin. Il-Gvern ġabek f'sitwazzjoni fejn ma tistax tippjana kemm għandek bżonn ħin biex tmur għax-xogħol, biex twassal it-tfal l-iskola jew biex toħroġ tgawdi l-ħin ħieles. Kull sena l-problema żdiedet u m'għamel xejn biex isolviha. Il-mira tagħna hi ċara: irridu pajjiż fejn il-moviment ma jibqax piż fuq il-ħajja ta' kuljum, iżda jsir parti minn Malta li taħdem aħjar. Pajjiż fejn inti tasal fil-ħin, tieħu nifs nadif u jkollok aktar ħin għall-familja, għall-mistrieħ u għall-ħajja tiegħek.

It-traffiku sar taxxa fuq ħajjitna. Fuq ħajtek.

Mhuwiex biss inkonvenjent ta' filgħodu u filgħaxija. It-traffiku hu telf ta' ħin, telf ta' produttività, telf ta' serħan il-moħħ u tnaqqir fil-kwalità tal-ħajja. Malta ma tistax tibqa' tittratta t-traffiku bħala problema ta' toroq, junctions u parkeġġ biss. Din hi sfida nazzjonali li teħtieġ risposta nazzjonali.

Fl-elezzjonijiet li għaddew - tal-2013, l-2017, l-2022 u issa fl-2026 il-Partit Laburista tak l-impressjoni li se jsolvi l-problema. Minflok prova jindirizza l-problema bi slogans, reklami, artistic impressions u b'soluzzjonijiet limitati. Illum il-problema saret ferm akbar. Il-popolazzjoni kibret, in-numru ta' vetturi kompla jitla', u t-toroq baqgħu riżorsa fiżika limitata. Għalhekk ma nistgħux nibqgħu nippretendu li l-istess għodod tal-bieraħ jistgħu jsolvu kriżi li llum hi ferm aktar kumplessa u urġenti.

Pjan ta' Azzjoni

# Insarrfu kelmitna f'sistema li tagħtik ħinek lura

Il-pjan ta' azzjoni li qed nipproponu hi li jkollna sistema waħda ta' mobbiltà li taħdem għall-ħajja vera tan-nies. Dan ma jfissirx proġett wieħed waħdu, iżda arkitettura nazzjonali li tgħaqqad flimkien it-trasport rapidu tal-massa, it-trasport pubbliku, il-parkeġġi, il-mobility hubs, il-ferries, it-trasport tal-ħaddiema u tal-istudenti, il-coaches, it-taxis u sistemi moderni ta' mmaniġġjar tat-traffiku.

Il-bidla fundamentali hi din: minn pajjiż li jipprova jdeffes iżjed traffiku fl-istess toroq nersqu lejn pajjiż li joħloq kapaċità ġdida tat-trasport barra mill-pressjoni tat-toroq eżistenti. Meta sistema tkun laħqet il-limitu tagħha, il-problema ma ssolvihiex billi tkompli tagħfas u tagħsar. Issolviha billi toħloq sistema ġdida li taħdem aħjar.

Għalhekk il-Mass Rapid Transport System tkun is-sinsla. U madwarha nibnu sistema sħiħa: feeder routes, park & ride, mobility hubs, servizzi aktar frekwenti, karreġġjati prijoritarji intelliġenti, tidal lanes, trasport pubbliku aktar affidabbli, u għodod diġitali li jgħinu lin-nies jippjanaw il-vjaġġ tagħhom b'mod faċli.

Aħna ma nemmnux li n-nies għandhom jiġu kkastigati talli jużaw il-karozza. Għal ħafna familji l-karozza saret neċessità għax il-pajjiż ma tahomx alternattiva aħjar. Għalhekk il-bidla trid tibda billi noħolqu għażla li taħdem, li tasal fil-ħin, li tkun komda, li tkun sigura u li tista' tistrieħ fuqha kuljum.

Il-pjan hu ċar: sistema ta' mobbiltà moderna, integrata u affidabbli li tagħti lura l-ħin lin-nies. Sistema li tnaqqas l-istress lill-ħaddiema u tnaqqas il-pressjoni fuq il-komunitajiet.

Sistema moderna li ttejjeb ukoll il-kwalità tal-arja, li tgħin lis-sidien tan-negozji jaħdmu b'aktar effiċjenza, u li tgħin biex tikber l-ekonomija għax illum id-dewmien fit-toroq qed ifisser spiża akbar fuq in-negozju.
Sistema li tagħmel lil Malta pajjiż aktar kompetittiv, aktar nadif u aktar komdu fejn tgħix.

Malta għandha bżonn il-kuraġġ, id-direzzjoni u t-twettiq fil-prattika. Għandha bżonn sistema tat-trasport li taqbel mal-ambizzjoni ta' pajjiż Ewropew modern. Sistema tat-trasport li tagħtik nifs.

Proposta Ewlenija 01

# Nibnu s-sinsla l-ġdida tat-trasport f'Malta b'sistema ta' Mass Rapid Transport

It-traffiku sar wieħed mill-akbar piżijiet fuq il-familji, fuq il-ħaddiema, fuq in-negozji u fuq il-kwalità tal-ħajja tagħna. Għalhekk Gvern ġdid Nazzjonalista jwettaq l-akbar qabża fil-mobbiltà li qatt ra pajjiżna: sistema nazzjonali ta' Mass Rapid Transport, prinċipalment taħt l-art, li tibda bl-ewwel fażi tagħha fuq il-linja Tramuntana-Nofsinhar.

Din mhijiex proposta fuq karta, kif kienu dawk li wegħdek il-Partit Laburista għall-elezzjonijiet tal-2013, tal-2017, u tal-2022 u li qed jerġa' jwegħedhomlok illum fl-2026 – erba' elezzjonijiet ta' wegħdi biss. Il-proposta tal-Partit Nazzjonalista mmexxi minn Alex Borg hi deċiżjoni nazzjonali biex Malta finalment ikollha sinsla moderna tat-trasport. Sistema li tnaqqas il-karozzi mit-toroq għax it-trasport tal-massa tkun tista' torbot fuqu. Sistema li ma tħallix lill-familji jgħixu skont il-konġestjoni, iżda tagħtihom lura l-kontroll tal-ħin tagħhom.

L-ewwel fażi tinkludi linja ta' madwar 11.5 kilometru, tmien stazzjonijiet u għaxar ferroviji operattivi. L-investiment kapitali stmat għal din il-fażi huwa ta' madwar €1.4 biljun, bil-mira li l-ewwel servizz jibda jopera fl-ewwel ħames snin ta' Gvern ġdid.

It-tieni fażi tinkludi linja oħra u estensjoni tal-ewwel linja, b'investiment kapitali stmat ta' madwar €2.5 biljun. B'kollox, iż-żewġ linji ewlenin ikollhom spiża kapitali ta' madwar €3.9 biljun fuq medda ta' snin u kapaċità li taqdi madwar 55 miljun vjaġġ fis-sena.

Il-finanzjament ikun strutturat b'mod responsabbli biex l-impatt fuq il-finanzi tal-Gvern ikun l-inqas possibbli. Gvern ġdid Nazzjonalista jidħol mill-ewwel f'diskussjoni ma' Investment Banks Ewropej fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja biex juża l-istrumenti finanzjari u tekniċi fl-istrutturar tal-aħjar mudell ta' finanzjament, inkluż self fit-tul, strumenti ta' żvilupp kif ukoll il-possibbiltà li jintuża l-Bank Malti tal-Iżvilupp jew fondi Ewropej li jmorru lil hinn mill-fondi tradizzjonali ta' koeżjoni.

L-għan hu ċar: proġett nazzjonali kbir, iżda finanzjarjament meqjus. L-ispiża li ma nagħmlu xejn tkun ferm akbar. It-telf fil-produttività minħabba t-traffiku, l-istress, il-ħin moħli, it-tniġġis u l-ineffiċjenza ekonomika diġà qed jiswew lill-pajjiż ferm aktar milli naffordjaw nibqgħu ninjoraw.

Dan hu investiment biex Malta tieħu nifs ġdid. Ċari fejn irridu naslu.


METRO


METRO MALTA

## Sistema tat-trasport li tagħtik lura ħinek

L-għan tagħna mhuwiex biss li nnaqqsu t-traffiku. L-għan tagħna hu li noħolqu Malta fejn il-ħin tan-nies jerġa' jkollu valur. Pajjiż fejn il-ħaddiem jasal ix-xogħol fil-ħin, fejn l-istudent ma jqattax parti kbira mill-ġurnata jistenna jew imwaħħal fit-triq, fejn in-negozji ma jibqgħux iħallsu l-prezz tal-ineffiċjenza, u fejn il-familji jkollhom aktar ħin għal xulxin.

Dan hu proġett ta' mobbiltà, iżda hu wkoll proġett ekonomiku, ambjentali u soċjali. Pajjiż li jiċċaqlaq aħjar, jaħdem aħjar. Pajjiż li jnaqqas il-ħin mitluf fit-traffiku, jagħti aktar ħin lin-nies biex jgħixu.

L-ewwel pass isir fl-ewwel 100 jum, bit-tnedija tal-qafas ta' implimentazzjoni għall-ippjanar, is-sejħiet għall-offerti, il-finanzjament u l-governanza tal-proġett. Dan il-proġett ma jistax jibqa' mwaħħal f'diskussjoni bla tmiem. Jeħtieġ tmexxija li tiddeċiedi, tippjana u twettaq.

## Benefiċċju ambjentali

Inqas karozzi, inqas tniġġis, aktar spazju għan-nies. L-impatt ambjentali għandu jiġi studjat b'mod sħiħ u skont il-liġi. Iżda l-prinċipju tal-proġett hu ċar: billi parti sostanzjali tkun taħt l-art, jitnaqqas l-impatt viżiv, jitnaqqas l-inkonvenjent waqt il-kostruzzjoni u tiġi evitata pressjoni ġdida fuq it-toroq u fuq art verġni.

L-isfida tal-materjal skavat trid tiġi trattata b'għaqal. B'teknoloġija moderna u ppjanar serju, dan il-materjal jista' potenzjalment jintuża għal riklamazzjoni tal-art jew użi nazzjonali oħra skont il-kwalità u t-tip tiegħu. Fuq kollox, din is-sistema għandha twassal għal inqas użu tal-karozzi, inqas emissjonijiet, inqas storbju, inqas tniġġis u aktar spazju pubbliku li jista' jingħata lura lin-nies.

Il-Mass Rapid Transport System għalhekk mhix biss proġett ta' mobbiltà... hi wkoll proġett ambjentali, proġett ta' saħħa pubblika u proġett ta' kwalità tal-ħajja.

## Għal Għawdex

Għawdex aktar qrib, b'konnettività aħjar u integrata Din is-sistema tkun integrata mal-fast ferries u ma' mezzi oħra ta' konnettività bejn Għawdex u Malta. Il-ħinijiet, il-mobility hubs u s-servizzi ta' feeder transport ikunu jaħdmu b'sintonija biex l-Għawdxi li jasal Malta jkun jista' jkompli l-vjaġġ tiegħu faċilment, u b'mod veloċi u prevedibbli.

L-għan hu li r-residenti Għawdxin ikollhom aċċess aktar effiċjenti għal-lokalitajiet ewlenin f'Malta, b'inqas ħin moħli u b'aktar ċertezza tul il-vjaġġ tagħhom.

## Aktar Proposti

### 02. L-ewwel fażi operattiva tat-trasport tal-massa issir f'ħames snin

Nibnu sistema moderna ta' trasport rapidu tal-massa bħala s-sinsla l-ġdida tal-mobbiltà f'Malta u li parti sostanzjali minnha tkun taħt l-art, u b'integrazzjoni sħiħa ma' servizzi oħra. Inniedu l-qafas ta' implimentazzjoni fl-ewwel 100 jum u nwettqu l-ewwel fażi fuq il-linja Tramuntana-Nofsinhar fl-ewwel leġiżlatura.

### 03. Servizz b'xejn għall-Maltin u l-Għawdxin

Is-servizz ikun b'xejn għall-Maltin u l-Għawdxin kollha, biex l-alternattiva għall-karozza tkun mhux biss effiċjenti, iżda wkoll aċċessibbli għal kulħadd.

### 04. Innaqqsu sostanzjalment il-ħin tat-traġitti

L-indikatur ewlieni tagħna hu ħinek. Vjaġġi ewlenin bħal minn Tas-Sliema sal-ajruport jew mill-Imrieħel sal-Belt isiru f'ħin prevedibbli, qasir u mingħajr dewmien fit-traffiku.

### 05. Intejbu l-produttività tal-ekonomija

Inqas ħin mitluf fit-traffiku jfisser aktar effiċjenza għan-negozji, aktar ċertezza fil-ħinijiet, inqas spejjeż moħbija u ekonomija li taħdem aħjar.

### 06. Noħolqu ekosistema waħda tat-trasport

Il-Mass Rapid Transport System taħdem flimkien ma' feeder routes, mobility hubs, park & ride, coaches, taxis, shuttle services, it-trasport għall-ħaddiema u għall-istudenti, u servizzi oħra tal-komunitajiet.

### 07. Nagħtu lura spazju lin-nies

Inqas dipendenza fuq il-karozza tiftaħ opportunitajiet għal aktar żoni pedonali, spazji pubbliċi aħjar, toroq aktar siguri u lokalitajiet aktar komdi fejn tgħix.

### 08. Nagħmlu mit-trasport proġett ambjentali

Inqas karozzi fit-toroq ifissru inqas emissjonijiet, inqas tniġġis, arja aħjar u kwalità tal-ħajja u saħħa aħjar għall-familji u t-tfal tagħna. Malta ma tiflaħx tistenna aktar! It-traffiku qed jisraq il-ħin tan-nies, inaqqar il-kwalità tal-ħajja u jdgħajjef il-potenzjal ekonomiku tal-pajjiż. Aħna mhux se nkomplu nħarsu lejn il-problema. Se nieħdu d-deċiżjoni l-kbira li ħaddieħor baqa' jibża' jieħu. Din hi proposta kbira għax il-problema hi kbira. Imma fuq kollox hi proposta meħtieġa għax Malta jixirqilha timxi 'l quddiem, mhux tibqa' mwaħħla fit-traffiku. Malta għandha bżonn nifs ġdid.

## 09. Ħiliet ġodda għall-mass rapid transport system

Infasslu u nwettqu programm nazzjonali ġdid ta' edukazzjoni, taħriġ u speċjalizzazzjoni biex Malta tibda tibni l-ħiliet li teħtieġ għal sistemi moderni ta' ferroviji u binarji, metrò, senjalar, kmamar tal-kontroll, komunikazzjoni, power systems, manutenzjoni u operazzjonijiet tas-sikurezza. Jekk irridu nsawru sistema serja ta' mass rapid transport, irridu fl-istess ħin insawru wkoll l-inġiniera u t-tekniċi t'għada li se jħaddmuha, imantnuha u jmexxuha fit-tul.

Dan il-programm jitfassal flimkien mal-MCAST u l-Università ta' Malta fejn hu rilevanti għas-servizz u l-operat, u ma' operaturi u istituzzjonijiet barranin speċjalizzati fl-inġinerija ferrovjarja u fis-sistemi tas-senjalar. Nintroduċu korsijiet, diplomi u speċjalizzazzjonijiet ġodda fil-livell tekniku u terzjarju f'oqsma bħal inġinerija tas-sistemi ferrovjarji, traction power, senjalar u kontroll, tħaddim tal-istazzjonijiet, manutenzjoni tal-vaguni, integrazzjoni tas-sistemi u sikurezza waqt it-trasport. Fl-istess waqt, noħolqu skema ta' apprendistati, boroż u esperjenzi fuq il-lant tax-xogħol ma' networks barra minn xtutna biex iż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin jibdew jitħarrġu minn issa fuq it-teknoloġiji li s'issa ma jeżistux lokalment fuq din l-iskala.

## 10. Nistabbilixxu akkademja għall-ħiliet ferrovjarji u tal-mobbiltà

Il-Gvern jistabbilixxi Akkademja għall-Ħiliet Ferrovjarji u tal-Mobbiltà fi ħdan l-istruttura edukattiva attwali biex jiġbor flimkien it-taħriġ tekniku, is-simulazzjonijiet, l-iżvilupp professjonali kontinwu u t-taħriġ mill-ġdid lill-ħaddiema li jkunu jridu jidħlu f'dan is-settur ġdid. Parti minn dan il-programm tkun immirata għall-electricians, it-technicians, l-ispeċjalisti fl-ICT, il-project managers u l-esperti fis-sikurezz biex jinħolqu perkorsi tal-karrieri ġodda marbuta mal-ekonomija tal-mobbiltà moderna.

Dawn il-proposti jiżguraw li l-investiment fil-mass rapid transport system ma jkunx biss investiment fil-konkos u fil-mini, iżda investiment fil-bniedem. Joħolqu niċċa ġdida ta' impjiegi ta' kwalità, b'ħiliet avvanzati u pagi aħjar, u joffru triq ġdida liż-żgħażagħ għal karriera f'settur modern u strateġiku għall-pajjiż. Fl-istess ħin, inaqqsu d-dipendenza totali fuq kompetenza barranija fit-tħaddim u l-manutenzjoni tas-sistema, u jibnu kapaċità fit-tul biex Malta tkun tista' tmexxi, tkabbar u taġġorna l-infrastruttura tagħha b'aktar awtonomija u serjetà.

## 11. Invaraw one-point-of-use multi-modal App

Inniedu App multimodali li tiġbor fiha kull sistema tat-trasport f'Malta, kemm pubblika kif ukoll privata, u li minnha tista' tippjana il-vjaġġ tiegħek kif ukoll tħallas minn punt wieħed fejn dan japplika. Din tkun tinkludi s-servizz tal-linja, is-sistema l-ġdida tat-trasport tal-massa, il-Gozo Channel, il-fast ferries, il-feeder services, kif ukoll operaturi privati żgħar u kbar. Din l-App tkun tisimplifika l-użu tad-diversi mezzi tat-trasport f'pajjiżna, ittejjeb l-integrazzjoni bejn servizzi differenti, u tiftaħ suq akbar għall-operaturi żgħar.

# Immaniġġjar tat-trasport

## 12. Karreġġjati prijoritarji vera għall-karozzi tal-linja u t-trasport kollettiv

Noħolqu karreġġjati prijoritarji vera fl-aktar rotot iffullati, b'tidal priority lane management modern, traffic lights intelliġenti u infurzar diġitali effettiv, biex ix-xarabanks u mezzi oħra tat-trasport kollettiv jimxu b'aktar regolarità u affidabbiltà. Meta jkun operattivament ġustifikat, dawn il-kurituri jintużaw ukoll minn servizzi kollettivi awtorizzati li jnaqqsu volum sostanzjali ta' karozzi mit-triq, speċjalment lejn ċentri tax-xogħol, hubs u avvenimenti kbar.

## 13. Hubs lokali tal-mobbiltà

Nibnu network ta' mobility hubs qrib ċentri urbani, skejjel, sptarijiet u żoni tax-xogħol, b'bus interchange, lockers, bike parking, u spazju għal servizzi kondiviżi. Dawn il-hubs ikunu l-punti ta' konnessjoni li jdawru l-mass transport f'sistema nazzjonali sħiħa, ħalli l-vjaġġ ikun kontinwu b'organizzazzjoni aħjar tal-bidliet bejn mezz u ieħor.

## 14. Hubs miftuħa wkoll għall-coaches u għall-operaturi lokali liċenzjati

Niżguraw li hubs strateġiċi, inkluż l-ajruport, il-park & rides u punti ewlenin ta' interchange, jinfetħu wkoll għall-coaches u l-operaturi lokali liċenzjati meta dan ikun kompatibbli mas-sigurtà u l-effiċjenza tas-servizz. Sistema nazzjonali serja tal-mobbiltà ma tistax tibqa' tagħlaq il-bieb għal mezzi li diġà jistgħu jnaqqsu karozzi mit-triq u joffru konnettività effettiva lil żoni tax-xogħol, turiżmu u avvenimenti.

## 15. Feeder services minn lokalitajiet residenzjali

Permezz ta' konnessjoni ġdida mas-servizzi ta' tal-linja, nintroduċu feeder services frekwenti b'vetturi iżgħar li jgħaqqdu ż-żoni residenzjali mal-hubs ewlenin u mal-istazzjonijiet futuri tat-trasport tal-massa. Mhux kulħadd jgħix qrib arterja prinċipali u għalhekk il-konnettività trid tibda mill-bieb tad-dar biex is-sistema l-ġdida tkun tassew tista' tintuża mill-familji, l-anzjani, l-istudenti u l-ħaddiema f'kull lokalità.

## 16. Skema ta' group transport

Nagħtu qafas ċar u modern biex l-operaturi liċenzjati joffru group transport ljen il-fabbriki, l-uffiċini, l-iskejjel, lill-anzjani, il-business parks, il-lukandi u l-komunitajiet. Hekk innaqqsu b'mod konkret l-għadd ta' vetturi b'persuna waħda fit-triq u nagħtu alternattiva prattika lill-pajjiż biex jorganizza aħjar il-vjaġġi ta' kuljum.

## 17. Pjattaforma diġitali għall-ibbukkjar tat-trasport tal-ħaddiema

Noħolqu pjattaforma diġitali fil-livell biex il-kumpaniji, il-lukandi, il-business parks, iż-żoni industrijali u l-operaturi liċenzjati jkunu jistgħu jorganizzaw b'mod effiċjenti trasport kollettiv tal-impjegati. Din tagħmilha possibbli li tlaħħaq mad-domanda, ir-rotot jiġu ottimizzati u s-servizz isir aktar affidabbli, b'inqas ħela ta' spazju fil-vetturi u b'inqas pressjoni fuq in-network tat-toroq.

## 18. Inċentivi fiskali għal min jnaqqas il-karozzi mit-triq

Nagħtu krediti fiskali lill-kumpaniji li jorganizzaw trasport kollettiv għall-impjegati tagħhom jew li jagħmlu ftehim ma' operaturi liċenzjati għal trasport kollettiv organizzat. Lil min inaqqas il-vetturi mit-toroq, il-pressjoni minn fuq l-ispazji tal-parkeġġ u l-konġestjoni fl-agħar ħinijiet, għandna nippremjawh b'mod konkret u dirett.

## 19. Trasport kollettiv għall-għalliema, l-edukaturi u l-istudenti postsekondarji u terzjarji

Nestendu skemi biex l-istituzzjonijiet postsekondarji u terzjarji jorganizzaw trasport kollettiv għall-impjegati u l-istudenti. Il-politika pubblika trid tagħmel it-trasport tajjeb biżżejjed biex iż-żgħażagħ ma jibdewx jaraw il-liċenzja u l-karozza privata bħala l-unika mezz realistiku lejn il-postijiet tal-edukazzjoni u x-xogħol.

## 20. Obbligu ta' pjanijiet għall-ivvjaġġar lejn l-iskejjel

Kull skola kbira jkollha pjan għall-ivvjaġġar lejn l-iskola approvat, b'miżuri ċari dwar l-użu tat-trasport lejn l-iskola, it-trikkib u t-tniżżil tal-istudenti, u koordinazzjoni mal-lokalità. Fejn il-konġestjoni tkun kritika, indaħħlu arranġamenti ta' monitoraġġ xierqa biex l-istess skejjel ma jibqgħux jikkontribwixxu għal aktar traffiku fl-istess ħin kuljum.

## 21. Regoli ġodda dwar iż-żoni tat-trikkib u t-tniżżil tal-istudenti

Għall-iskejjel fiż-żoni li jġarrbu konġestjonijiet qawwijin fil-viċinanza, indaħħlu sistemi aktar effiċjenti, siguri u infurzabbli għat-trikkib u t-tniżżil tal-istudenti, b'ħinijiet, spazji u regoli ċari. Fejn hemm trasport skolastiku effettiv, il-politika tistinka biex tnaqqas l-użu bla bżonn tal-karozza privata fl-agħar ħinijiet tan-network tat-traffiku.

## 22. Qafas ġust u favur in-negozju għall-operaturi lokali ta' trasport kollettiv

Nirrevedu r-regoli operattivi u amministrattivi li jolqtu lill-operaturi lokali, inkluż l-aċċess għall-hubs, l-użu tal-infrastruttura komuni u l-kundizzjonijiet regolatorji li joħolqu żvantaġġ bla bżonn. Minbarra ekosistema waħda tat-trasport, irridu wkoll ambjent ekwu li jikkunsidra l-kontribut tal-operaturi Maltin u li jħeġġeġ kompetizzjoni sana u servizz aħjar.

## 23. Riforma fil-permessi tal-ħaddiema u fil-ħiliet tas-settur

Inħaffu b'mod serju l-proċessi relatati mal-permessi, il-bidliet fl-impjiegi, u l-amministrazzjoni tal-ħaddiema fis-settur tat-trasport kollettiv, u nfasslu pjan dwar il-ħilie u ż-żamma tal-ħaddiema. Pajjiżna jeħtieġ jistrieħ aktar fuq it-trasport kollettiv u għalhekk irid jiżgura li dan is-settur jista' iħaddem, iżomm il-ħaddiema, u jopera b'mod sostenibbli u mingħajr dewmien li jfixkel l-operat u jżid il-pressjoni fuq it-toroq.

## 24. Aġġornamenti tal-park & ride bħala parti mis-sistema l-ġdida

Nibdlu l-park & ride minn spazji passivi għal ċentri attivi marbuta mat-trasport tal-massa, il-karozzi tal-linja, il-coaches u l-feeder services. Park & ride ikun effettiv jekk jirnexxilu jneħħi l-karozzi mit-toroq qabel jidħlu fil-qalba tan-network iffullat, u mhux sempliċiment jilqa' aktar traffiku qrib iċ-ċentri urbani.

## 25. Hybrid-remote working fis-Servizz Pubbliku

Inwettqu mudell ġdid ta' hybrid-remote working fis-Servizz Pubbliku bbażat fuq sistema ta' 40% tax-xogħol mid-dar u 60% mill-uffiċċju, u hot desking li tuża aħjar l-ispazju pubbliku. Din il-miżura tapplika għar-rwoli amministrattivi, il-back-office, it-tfassil u t-twettiq tal-politika, il-finanzi, l-HR, l-akkwist pubbliku, il-qasam legali, l-ICT u funzjonijiet oħra li ma jeħtiġux il-kuntatt dirett u kontinwu mal-pubbliku. Ma tapplikax għall-frontliners u s-servizzi li jiddependu fuq preżenza fiżika.

Kull ministeru u dipartiment jadotta qafas ċar ta' eliġibbiltà, roster ikkoordinat tal-ġranet remoti, standards ta' servizz obbligatorji, u sistema ta' hot desking biex l-istess spazju jintuża b'mod aktar effiċjenti. Hekk is-servizz pubbliku ma jibqax jara r-remote-working biss bħala miżura ta' flessibbiltà, iżda bħala għodda konkreta li tnaqqas it-traffiku, ittejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-uffiċini, u tagħti lura l-ħin lin-nies. Skont stima prudenti bbażata fuq id-daqs attwali tas-servizz pubbliku u fuq il-fatt li l-miżura tkun limitata għal attivitajiet li ma jinvolvux kuntatt fiżiku, dan il-mudell għandu l-potenzjal li jnaqqas madwar 2,600 karozza kuljum mill-vjaġġi lejn ix-xogħol fl-agħar ħinijiet. Dan ifisser inqas pressjoni fuq il-konġestjonijiet ewlenin, inqas domanda għall-parkeġġ madwar il-binjiet tal-Gvern, u aktar fluwidità fit-traffiku proprju fl-aktar ħinijiet kritiċi tal-ġurnata.

Fl-istess waqt, il-hot desking jippermetti lill-Gvern inaqqas b'mod sostanzjali l-ħtieġa ta' skrivaniji permanenti u juża aħjar l-ispazju tal-uffiċini tiegħu. Din hi riforma li tgħaqqad it-titjib fil-mobbiltà ma' effiċjenza akbar u kwalità tal-ħajja aħjar. Gvern ġdid Nazzjonalista jmexxi bl-eżempju b'mod li l-politika tax-xogħol tappoġġa lill-politika tat-trasport.

# Trasport pubbliku u mobbiltà aħjar

## 26. Bus shelters xierqa f'kull lokalità

Inniedu programm biex kull waqfa ta' tal-linja ewlenija jkollha shelter modern, sikur u aċċessibbli, bid-dell u lqugħ mix-xita, bankijiet u informazzjoni ċara. Il-passiġġiera tat-trasport pubbliku jkollhom infrastruttura bażika ta' kwalità li tagħmel il-vjaġġ aktar dinjituż u komdu.

## 27. Skema ta' group transport

Nagħtu qafas ċar biex is-sewwiqa tal-Y-Plates u l-operaturi liċenzjati joffru group transport lejn il-fabbriki, l-iskejjel, l-uffiċini, id-djar tal-anzjani u l-komunitajiet. Dan inaqqas l-ammont ta' karozzi b'persuna waħda abbord u joħloq servizz effiċjenti b'inqas spejjeż għal kulħadd.

## 28. Ħinijiet tax-xogħol aktar mifruxa

Nifthu ftehim nazzjonali settur b'settur biex nibdew nifirxu l-ħinijiet tax-xogħol u tas-servizz pubbliku. Malta ma tistax tibqa' tixħet l-istess piżijiet fuq it-toroq, fl-istess sigħat, kuljum.

## 29. Proġetti pilota ta' loġistika billejl

Nibdew proġetti pilota ma' għadd ta' negozji u operaturi biex ċerti kunsinni jsiru kmieni ħafna filgħodu jew tard filgħaxija b'kundizzjonijiet stretti biex ma jinħoloq l-ebda inkonvenjent għar-residenti. Dan isir b'koordinazzjoni mal-Kunsilli Lokali biex inaqqas il-pressjoni fl-agħar ħinijiet tat-toroq, bi prijorita lit-toroq arterjali u distributorji.

# Parkeġġi u liċenzji tal-vetturi

## 30. Pjan għall-parkeġġ pubbliku

Inwettqu pjan għall-skemi tal-parkeġġ pubbliku. Irridu namministraw il-parkeġġ bħala riżorsa skarsa imma b'mod effiċjenti. Meta jkun hemm bżonn infrastruttura tal-parkeġġ ġdida, din issir biss jekk tkun marbuta ma' pjazza, ġnien, bankini aħjar u tneħħija ta' parkeġġ fuq il-wiċċ. Inħarsu lejn parkeġġi b'diversi sulari mingħajr ma tinqered il-kwalità urbana.

## 31. App għal użu temporanju ta' garaxxijiet privati

Nintroduċu pjattaforma biex is-sidien ta' garaxxijiet privati fil-livell tat-triq ikunu jistgħu joffru parkeġġ f'ħinijiet magħżula minnhom. B'hekk noħolqu mijiet ta' spazji ġodda mingħajr ma nieħdu art ġdida.

## 32. Parkeġġ residenzjali protett madwar iċ-ċentri kummerċjali

Fiż-żoni bi pressjoni qawwija, nagħtu prijorità lirresidenti billi nwettqu modernizzazzjoni tas-sistema tal-permessi tar-residenti, flimkien ma' ħinijiet apposta għal forniment ta' xi kunsinni jew servizzi. Ir-residenti ma jitħallew ibatu dawn l-inkonvenjenzi qrib darhom.

## 33. Trasport ta' kunsinni ma jsirx waqt il-peak hours

Nestendu qafas legali u inċentivi biex il-kunsinni kummerċjali, il-ġbir tal-iskart kummerċjali u l-manutenzjoni urbana jsiru kemm jista' jkun barra mill-agħar ħinijiet tat-traffiku.

## 34. Micro-hubs għall-kunsinni fl-aħħar mil

Inwaqqfu micro-hubs urbani biex il-merkanzija tinqasam minn vetturi kbar ġo vetturi iżgħar bi vjaġġi ikkoordinati. Dan b'koordinazzjoni mal-Kunsilli Lokali għal użu aħjar taċ-ċentri antiki u urbani.

## 35. Liċenzji b'capping

Filwaqt li se ninkoraġġixxu użu alternattiv tat-trasport, jidher li ż-żidiet fit-tariffi tal-liċenzji ma ħallewx l-effett mixtieq. Għalhekk Gvern ġdid Nazzjonalista jintroduċi limitu massimu ta' €500 għal-liċenzji tal-pjanċi s-suwed (użati kuljum), u massimu ta' €200 għal-liċenzji tal-pjanċi l-ħomor (użati fi tmiem il-ġimgħa).

## 36. Reġistrazzjoni massima għall-karozzi importati

Nintroduċu regoli speċjali għall-karozzi b'limitu massimu sa €30,000 għar-reġistrazzjoni. Hekk nagħmlu ġustizzja mingħajr ma ninkoraġġixxu aktar traffiku.

## 37. Vouchers ta' skreppjar trasferibbli

Nagħtu vouchers trasferibbli għal min jiskrapja l-vettura qadima tiegħu anki jekk ma jixtrix oħra dakinhar. Il-voucher jista' jintuża aktar tard jew jinbiegħ legalment. B'hekk inħeġġu t-tneħħija tal-vetturi abbandunati jew mhux użati mill-garaxxijiet u t-toroq.

## 38. Skema ta' skreppjar għall-vannijiet u l-minibuses qodma

Niffukaw l-iskemi ta' tneħħija fuq vetturi kummerċjali qodma, minibuses u vans li jduru ħafna u jniġġsu aktar. L-akbar benefiċċju għat-traffiku u l-arja jiġi minn fejn l-użu hu l-aktar intensiv.

## 39. Liċenzja tat-triq skont kemm tuża l-karozza

Nintroduċu sistema ġdida u ġusta ta' liċenzja tat-triq fejn min juża l-karozza inqas iħallas inqas, filwaqt li ħadd ma jħallas aktar mil-liċenzja li jħallas illum. Karozzi li jintużaw sa 500 kilometru fis-sena ma jħallsux liċenzja taċ-ċirkolazzjoni. Minn 500 kilometru sa 5,000 kilometru, il-ħlas jiżdied b'mod gradwali sa 80% tal-liċenzja. Minn hemm 'il fuq, il-ħlas ikompli jiżdied sakemm jintlaħaq il-limitu massimu tal-liċenzja.

Din il-miżura tippremja lil min inaqqas l-użu bla bżonn tal-karozza, lil min iżomm karozza sekondarja tintuża inqas, u lil min jagħmel għażliet aktar sostenibbli bħall-mixi, it-trasport pubbliku u t-tnaqqis ta' vjaġġi qosra. Hija miżura ġusta: ma tikkastigax lil min għandu bżonn il-karozza, iżda tagħti benefiċċju dirett lil min jużaha inqas.

# Infrastruttura u spazji pubbliċi

## 40. Awditjar tal-bankini

Inniedu awditjar triq triq, b'konsultazzjoni u għodda xierqa lill-Kunsill Lokali, dwar il-bankini f'Malta u Għawdex bi klassifikazzjoni tar-riskju u aċċessibbiltà. Il-bankina jeħtieġ titqies bħala infrastruttura pubblika essenzjali li tipprova aċċessibbiltà lin-nies.

## 41. Fond speċjali għat-tiswija tal-bankini

Noħolqu fond b'interventi miftehma mal-Kunsill Lokali biex issir tibdil ta' bankini skont il-klassifikazzjoni tar-riskju. Dan il-pjan isir ma' kull Kunsill Lokali ta' Malta u Għawdex.

## 42. Network kontinwu ta' mogħdijiet għar-roti

Nibnu network kontinwu u protett ta' mogħdijiet għar-roti li finalment jgħaqqad lil lokalità ma' oħra b'mod sigur. Nalteraw xi toroq rurali alternattivi biex isiru kurituri sikuri għal dan il-għan.

## 43. Parkeġġi għar-roti sikuri f'kull hub

Nagħmlu parkeġġ għar-roti sikur u sorveljat f'kull hub tat-trasport, skola, belt prinċipali u bini pubbliku ġdid. F'dawn il-postijiet tiġi esplorata sistema bi sħubija li tagħtik aċċess u bike lockers bla ħlas għas-serħan il-moħħ lil min jagħżel li jivvjaġġa bir-rota.

## 44. Spazji urbani mingħajr traffiku u "kurituri ekoloġiċi"

Bi ftehim mal-Kunsilli Lokali, fil-qalba tal-lokalitajiet tagħna noħolqu pjazez u toroq li jagħtu prijorità lin-nies, lill-ħwienet bis-servizzi li joffru, u lill-kwalità tal-ħajja urbana. Dan isir billi nibnu fuq proġetti attwali u futuri li flimkien joħolqu sensiela ta' kurituri ekoloġiċi għan-nies.

## 45. Kanali tas-servizzi obbligatorji fit-toroq ġodda

Kull triq ġdida jew mibnija mill-ġdid ikollha kanali tas-servizzi u riżervi għall-servizzi ewlenin, bħall-ilma, id-dawl, l-internet, il-cable TV, u d-drenaġġ, ħalli fil-ġejjieni ma jkollniex għalfejn inħaffru wiċċ it-triq għal xi tiswija. Dan ix-xogħol ikun jinkludi kanali tas-servizzi ducts taħt il-bankina, duct crossings li jaqsmu it-triq biex jevitaw li terġa' tinqala' t-triq u niżguraw li jkun hemm mejn tal-ilma fuq kull naħa tat-triq.

## 46. Kanali tal-ilma u ġbir tal-ilma tax-xita mit-toroq

Nintegraw sistemi ta' kanali u sistemi tal-ġbir tal-ilma tax-xita fit-toroq ġodda biex intaffu l-għargħar u nużaw l-ilma meta possibbli. Infrastruttura tajba trid tieħu inkonsiderazzjoni tal-klima tagħna.

## 47. It-toroq huma infrastruttura kritika

Insaħħu l-entitajiet pubbliċi b'koordinazzjoni ma' Infrastructure & Road Risk-Asset Management biex jinħoloq reġistru dwar ir-riskji u l-assi fit-toroq tagħna, bi programm għal manutenzjoni ppjanata. Ma nistgħux nibqgħu nħaffru l-istess triq darbtejn jew tlieta fi żmien qasir b'detriment għar-resident, min qed jivvjaġġa u għall-ispiża pubblika. Noħolqu risk atlas biex nipproteġu l-vulnerabbiltajiet tal-infrastruttura ta' pajjiżna. Dak li ma nkejlux, ma nistgħux nipproteġuh.

# Ippjanar urban, kwalità tal-bini u żvilupp aħjar

## 48. Nirrevedu l-Pjanijiet Lokali kollha ta' Malta u Għawdex

Biex l-iżvilupp jintrbat mal-kapaċità reali tal-lokalitajiet, naraw li kull pjan lokali jkun sensittiv għad-demografija, it-traffiku, il-parkeġġ, l-infrastruttura, il-karattru tal-lokalità u l-kwalità tal-ħajja. Indaħħlu Urban Carrying Capacity Map u Traffic Intensity Index għal kull lokalità, insaħħu l-protezzjoni taċ-ċentri storiċi u ta' Għawdex, u nagħtu vuċi effettiva lill-Kunsilli Lokali u lir-residenti. Dan ikun Nifs Ġdid lill-ippjanar: żvilupp b'ordni, b'rispett u bis-serħan il-moħħ.

## 49. Prijorità lir-riġenerazzjoni tal-bini eżistenti

Nagħtu prijorità ċara lir-rinovazzjoni, ir-rijabilitazzjoni u l-użu mill-ġdid tal-bini eżistenti qabel it-twaqqigħ. Il-politika tal-bini trid tippremja lil dak li jżomm il-karattru u jnaqqas l-iskart.

## 50. Skema għall-użu mill-ġdid tal-binjiet vojta

Noħolqu skemi ta' incentivi u fast-track għal min jirriġenera binjiet vojta jew mhux uzati tajjeb biżżejjed għal akkomodazzjoni, uffiċini, skopijiet kulturali jew soċjali. Dak li diġa jeżisti rridu nużawh aħjar.

## 51. Pjan għar-riġenerazzjoni urbana

Inniedu programm ta' riġenerazzjoni tat-toroq u ż-żoni tal-madwar b'ġonna żgħar, siġar, dell, pavimentar ta' kwalità u spazji għan-nies. Kwalità tal-ħajja tibda mill-ispazji fejn ngħixu.

## 52. Il-binjiet patrimonjali jsiru spazji għall-komunità

Nagħtu nifs ġdid lill-binjiet storiċi jew vojta biex jintużaw għal servizzi kulturali, soċjali, co-working jew ċentri għaż-żgħażagħ u l-adolexxenti.

## 53. Green quota fil-każ ta' riġenerazzjoni kbira

Għal kull proġett urban kbir, naraw li jkun hemm green quota minima ta' spazju miftuħ, siġar, dell u assorbimenti tal-ilma. Jekk il-belt tkun aktar densa, trid tkun ukoll aktar umana u aktar friska.

## 54. Network ta' pocket parks

Noħolqu pocket parks f'uħud mill-ispazji vojta, traskurati jew mitluqa tal-lokalitajiet. Mhux kull tisbiħ jeħtieġ proġett enormi. Xi drabi l-kwalità tinkiseb b'interventi żgħar iżda mifruxa. Dan isir b'konsultazzjoni sħiħa mal-Kunsilli Lokali.

## 55. Uffiċċju Nazzjonali tal-Ġeoloġija

Gvern ġdid immexxi mill-Partit Nazzjonalista jwaqqaf Uffiċċju Nazzjonali tal-Ġeoloġija sabiex Malta jkollha għall-ewwel darba struttura xjentifika u teknika dedikata għall-istudju tal-art u s-subsoil ta' pajjiżna.

Dan l-uffiċċju jkun responsabbli mill-ġbir, l-analiżi u l-ħażna ta' data ġeoloġika nazzjonali sabiex jinħoloq database ċentrali modern dwar il-kundizzjoni ta' taħt l-art Malti u Għawdxi.

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Ġeoloġija jkollu rwol importanti fil-prevenzjoni ta' riskji relatati ma' skavar, pedamenti, mini u żvilupp infrastrutturali, filwaqt li jipprovdi gwida xjentifika lill-awtoritajiet, periti, inġiniera u professjonisti oħra fis-settur tal-kostruzzjoni.

Permezz ta' din il-miżura, irridu nsaħħu s-sigurtà fil-kostruzzjoni, innaqqsu r-riskji għal residenti u familji, u niżguraw li deċiżjonijiet dwar żvilupp ikunu bbażati fuq studji xjentifiċi serji u mhux fuq stimi jew improvizzazzjoni. Din il-proposta tifforma parti minn viżjoni usa' għal riforma fil-qasam tal-kostruzzjoni u l-ippjanar, sabiex pajjiżna jimxi lejn mudell ta' żvilupp aktar responsabbli, sigur u sostenibbli għall-futur.

# Riformi, governanza u użu tal-art.

## 56. Riforma ta' Transport Malta f'Awtorità li tkun iktar iffokata

Nirriformaw Transport Malta biex tkun awtorità ffokata fuq it-tnaqqis tat-traffiku, is-sigurtà fit-toroq, il-liċenzjar, it-trasport pubbliku, il-Mass Rapid Transport System, il-mobility hubs, l-immaniġġjar tat-traffiku, u l-infurzar. Din ir-riforma tagħti lill-pajjiż istituzzjoni b'mandat ċar, b'responsabbiltà diretta u b'fokus uniku: mobbiltà fl-art li taħdem aħjar għall-familji, il-ħaddiema u n-negozji.

## 57. Noħolqu GIS waħda integrata

Nibnu pjattaforma għad-data spazjali (GIS) waħda u nazzjonali li tgħaqqad il-permessi, iż-żonar, l-utilitajiet, il-perikli, il-patrimonju, l-użu tal-art, l-ambjent u t-trasport. Nevitaw informazzjoni mifruxa ħalli nagħmlu deċiżjonijiet aħjar u niffrankaw il-flus.

## 58. Servizz Ġeoloġiku Malti

Inwaqqfu Servizz Ġeoloġiku Malti bħala istituzzjoni nazzjonali strateġika għal deċiżjonijiet aħjar. Fejn hemm riskju ġeoloġiku, irid ikun hemm istituzzjoni responsabbli. Malta ma tistax tibqa' mingħajr dan l-għodda bażika. Dan irid permezz ta' professjoni stabbilita ta' ġeoloġi.

## 59. Insaħħu l-parteċipazzjoni pubblika

Nibdlu l-konsultazzjoni minn formalità għal proċess bikri biex il-pubbliku jkun parteċipi aktar fl-iżvilupp tal-lokalità tiegħu. Malta mhijiex biss pajjiżna, iżda darna wkoll.

## 60. Żewġ terzi biex tinbidel art ODZ

Niżguraw li l-ebda Gvern ma jkun jista' jneħħi protezzjoni ta' art ODZ b'maġġoranza sempliċi. Kull klassifikazzjoni differenti ta' art barra ż-żona tal-iżvilupp tkun teħtieġ il-maġġoranza ta' żewġ terzi fil-Parlament.

## 61. Stadju ta' medjazzjoni u kjarifika qabel id-deċiżjoni

Nintroduċu stadju formali ta' medjazzjoni u kjarifika fil-proċess tal-ippjanar biex kwistjonijiet tekniċi, oġġezzjonijiet u tħassib tal-komunità jiġu indirizzati qabel tittieħed id-deċiżjoni finali. Dan jista' jnaqqas il-kunflitti, l-appelli u l-proġetti mfassla ħażin.

## 62. Sistema moderna u diġitali tar-reġistrazzjoni tal-artijiet

Nimmodernizzaw is-sistema tar-reġistrazzjoni tal-artijiet permezz ta' sistema diġitali, aċċessibbli u affidabbli, ħalli l-informazzjoni dwar il-proprjetà, titoli u drittijiet tkun aktar ċara u sigura. Iċ-ċertezza dwar it-titoli tfisser inqas tilwim, inqas dewmien u aktar fiduċja fis-suq tal-proprjetà.

## 63. Government Land Title Amnesty Scheme

Nintroduċu skema trasparenti biex il-familji u n-negozji jkunu jistgħu jirregolarizzaw irregolaritajiet storiċi relatati ma' titoli ta' art tal-Gvern fi żmien definit u b'kundizzjonijiet ġusti. Din tnaqqas l-inċertezza legali u taħtaf il-potenzjal tal-valur ekonomiku tal-proprjetajiet li ilhom imwaħħlin għal snin twal.

## 64. Konverżjoni ta' enfitewsi tal-Gvern għall-freehold

Nintroduċu politika ċara biex enfitewsi tal-Gvern tkun tista' tinqaleb fi freehold b'valutazzjoni ġusta u proċess fil-ħin. Dan jagħti aktar ċertezza lill-familji u n-negozji li ilhom jużaw proprjetà għal żmien twil iżda għadhom limitati minn titolu mhux ċar.

## 65. Sistema aktar ġusta tat-taxxa fuq trasferimenti fil-familja

Nintroduċu sistema aktar ġusta biex it-taxxa mħallsa fuq proprjetà li tintiret jew li tiġi trasferita diversi drabi fi żmien qasir tiġi kreditata kontra taxxa futura fuq l-istess proprjetà. Dan inaqqas il-piż fuq familji fi żminijiet diffiċli u jagħmel is-sistema aktar ġusta u umana.

## 66. Kumpens ġust relatat ma' xogħol mitluf wara r-riforma tal-2011

Nirrikonoxxu l-impatt li kellha r-riforma tat-trasport pubbliku tal-2011 fuq numru ta' xufiera tax-xarabank li, wara l-għoti tas-servizz lil konċessjonarju privat, twaqqfu milli jkomplu jagħtu s-servizz tagħhom. Gvern Nazzjonalista jistabbilixxi Kumitat ta' Evalwazzjoni indipendenti biex jeżamina każ b'każ u jistabbilixxi kumpens ġust lil dawk ix-xufiera li sofrew telf ta' xogħol jew telf ta' dħul b'rabta diretta ma' dik ir-riforma.

PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Dan hu l-mument tiegħek